# IL-KAPPELLA TA' BENGHAJSA
## L-Aspett Storiku

Ivan Bugeja

Kappella tabilħaq ħelwa u li hi ddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni tinsab f'Bengħajsa, fil-limiti tar-raħal ta' Birżebbuġa u fix-Xlokk tal-gżira tagħna. Din il-kappella tinsab imdawra bl-għelieqi u s-siġar u b'numru żgħir t'irziezet u djar, ftit passi l-bogħod mit-triq li twasslek lejn Għar Ħasan, u mill-mitjar il-qadim ta' Ħal Far. Din il-kappella kienet inbniet bejn l-1861 u l-1862 taħt id-direzzjoni ta' Ġużeppi Callus. Hi kienet ġiet imbierka nhar il-15 ta' Jannar tal-1862, mill-Isqof Monsinjur Gaetano Pace Forno u dan waqt li kien qed jagħmel it-tieni vista pastorali f'din il-lokalità. F'dak iż-żmien, il-kappella kellha bħala rettur lil Dun Ġużepp Gauci, bniedem mill-aktar ħabrieki.



Tajjeb ngħidu li l-kappella li nsibu llum ma kinitx l-ewwel waħda li nbniet u dan għaliex qabilha kien hemm oħra li kienet mibnija fl-1823 minn Dun Ġakbu Gauci taż-Żurrieq. Il-kappella kienet inbniet wara talba lill-Isqof Ferdinando Mattei nhar it-8 ta' Marzu tal-istess sena minn Frenċ Callus. Xi żmien wara r-rettur kien għamel talba lill-Isqof sabiex ikun jista' jibda jqaddes kull nhar ta' Ħadd, fil-festi u sabiex jagħmel l-Għasar nhar it-8 ta' Diċembru ta' kull sena.

Fl-10 ta' Settembru tal-1823, il-fundatur tal-kappella kien għamel talba lill-Isqof Monsinjur Mattei sabiex il-kappella ssir ġuspatronat tal-familja. Id-digriet kien iffirmat nhar it-22 t'Ottubru tal-1823.

Fis-16 t'Ottubru tal-1953, l-Arċisqof Mikiel Gonzi laqa' t-talba tar-Rettur tal-kappella sabiex f'jiem il-festa u t-tridijiet, fix-xahar t'Ottubru, fil-jiem tal-eżerċizzi spiritwali jibda jinżamm is-Sagrament. Dan seħħ wara talba formali lill-awtoritajiet tal-knisja ġewwa l-Vatikan.

Matul is-snin il-kappella kellha numru ta' retturi sabiex jieħdu ħsieb il-bżonnijiet spiritwali tan-nies tal-inħawi. Fosthom ta' min isemmi lil Monsijur Pietru Pawl Saydon, lil Dun Frangisk Callus, lil Patri Raymond Formosa u lil Dun Pawl Saydon.

*ikompli f'paġna 29*



Naraw illi fl-1993 l-eredi tal-fundatur għaddew il-kappella lill-awtoritajiet tal-knisja u dawn, min-naħa tagħhom għaddewha f'idejn il-kappillan ta' Birżebbuġa.

## L-ARKITETTURA

Il-faċċata tal-kappella hi waħda sempliċi għall-aħħar, b'żewġ pilastri fuq stil Toskan fil-ġnub u tnejn oħra biswit il-bieb prinċipali. Fuq nett fin-nofs hemm il-kampnar u fih insibu qanpiena li kienet maħduma fl-1947 mid-ditta 'Taylor' u li ġġib l-isem ta' Concetta. Din il-qanpiena kienet ġiet mixtrija minn Mikiel Schembri.



Fin-nofs tal-faċċata u fuq il-bieb prinċipali hemm tieqa rettangolari bi grada tal-ħadid u li fiha hemm dekorazzjoni Marjana. Imbagħad fuq kull naħa tal-bieb insibu żewġ twieqi oħra u li kienu saru sabiex id-devoti jkunu jistgħu jinvistaw il-knisja meta din ma kinitx tkun miftuħa. Quddiem il-kappella hemm zuntier żgħir imdawwar bi tnax-il balavostra.

Minn ġewwa l-kappella għandha forma rettangolari b'saqaf troll, jistrieħ fuq ħames ħnejjiet. Fiha nsibu altar wieħed magħmul mill-ġebla tal-franka u fuqu l-kwadru titulari tal-Immakulata Kunċizzjoni. Imbagħad mal-ġnub tiegħu hemm żewġ pilastri bi stil Toskan, entablatura u pediment triangolari b'tieqa ovali fin-nofs. Fuq kull naħa tal-altar hemm żewġ bibien żgħar li jagħtu għas-sagristija. Fil-ġenb, fuq dawn il-bibien imbagħad hemm żewġ kwadri, wieħed ta' San Ġużepp u l-ieħor tad-Duluri. Hemm ukoll sett kwadri tal-Via Sagra.

Fis-snin li għaddew il-kappella sarilha xi xogħol meħtieġ sabiex tilqa' il-bżonnijiet ta' min jiffrekwenta. Fuq id-disinn ta' Dun Gino Gauci saru altar-mejda u konfessinarju ġodda, filwaqt li fis-sagristija saret niċċa ġdida sabiex fiha titpoġġa l-istatwa ħelwa tal-Immakulata Kunċizzjoni.

Nagħlaq dan r-rakkont qasir billi nawgura l-isbaħ xewqat fl-okkazjoni tal-festa tant għażiża għalina l-ħamruniżi.

UNUR KBIR U MISTĦOQQ LIL OMMNA MARIJA IMMAKULATA.